

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-28 ta' Lulju 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari mis-Supremo Tribunal Administrativo — il-Portugall) — Lidl & Companhia vs Fazenda Públīca**

(Kawża C-106/10) <sup>(1)</sup>

(Tassazzjoni — Direttiva 2006/112/KE — VAT — Valur Taxxabbli — Taxxa dovuta fuq il-produzzjoni, il-kostruzzjoni, l-introduzzjoni jew l-importazzjoni tal-vetturi)

(2011/C 298/10)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Qorti tar-rinvju**

Supremo Tribunal Administrativo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Lidl & Companhia

Konvenuta: Fazenda Públīca

fil-preżenza ta': Ministério Público

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Supremo Tribunal Administrativo — Interpretazzjoni tal-Artikolu 73 u s-subparagrafu (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 78, moqrri flimkien mas-subparagrafu (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 79 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Inklużjoni, fil-bażi ta' taxxa tal-VAT, tal-“imposto sobre veículos” Portużiż — Taxxi fuq vetturi ġoddha dovuti għall-produzzjoni, il-kostruzzjoni, l-introduzzjoni jew l-importazzjoni tal-vetturi — Taxxa dovuta darba biss, mill-operatur jew mill-bejjiegħ tal-vettura, meta din tiġi introdotta fis-suq Portużiż

**Dispożittiv**

(1) Taxxa bħalma hija t-taxxa fuq il-vetturi (imposto sobre veículos), inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li l-fatt li jiġi generaha huwa marbut direttament mal-provvista ta' vettura li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din it-taxxa u li hija mħallxa mill-fornitur ta' din il-vettura taqa' taħt il-kunċett ta’ “taxxi, dazzi, imposti u piżżejjiet”, fis-sens tal-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 78 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, u, b'applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, għandha tkun inkluża fil-valur taxxabbli tat-taxxa fuq il-valur miżjud tal-provvista tal-imsemmija vettura.

<sup>(1)</sup> ĠU C 113, 01.05.2010.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-28 ta' Lulju 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju**

(Kawża C-133/10) <sup>(1)</sup>

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2005/81/KE — Trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi — Impriżi suġġetta għall-obbligu li żżomm kontijiet separati — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)

(2011/C 298/11)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Peere u K. Walkerová, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: M. Jacobs u J.-C. Halleux, aġenti)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjoni kollha neċċesarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/81/KE, tat-28 ta' Novembru 2005, li temenda d-Direttiva 80/723/KEE dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja fċerti impriżi, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħi taħt din id-direttiva.

**Dispożittiv**

- (1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjoni amministrativi kollha neċċesarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/81/KE, tat-28 ta' Novembru 2005, li temenda d-Direttiva 80/723/KEE dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja fċerti impriżi, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħi taħt din id-direttiva.
- (2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 148, 05.06.2010.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-28 ta' Lulju 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-First-tier Tribunal (Tax Chamber) — ir-Renju Unit) Pacific World Limited, FDD International Limited vs Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs**

(Kawża C-215/10) <sup>(1)</sup>

(“Tariffa Doganali Komuni — Klassifikazzjoni tariffarja — Nomenklatura Magħquda — Settijiet ta' dwiefer foloz tal-plastik iffurm — Validità tar-Regolament (KE) Nru 1417/2007 — Oġġetti oħrajn tal-plastik (intestatura 3926) — Preparazzjoni għall-manikjur u għall-pedikjur (intestatura 3304) — Strumenti u settijiet ta' strumenti ta' manikjur jew ta' pedikjur (intestatura 8214)”)

(2011/C 298/12)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Qorti tar-rinvju**

First-tier Tribunal (Tax Chamber)